# Dekorazzjoni Ġdida fil-Kappelli tal-Parroċċa tal-Fontana

Mark Sagona, B.A.(Hons.), M.A.*

**Introduzzjoni**

Waqt li qed nikteb dan l-artiklu, ix-xogħol artistiku fuq id-dekorazzjoni, ż-żebgħa u l-induratura bid-deheb fil-kappella tal-Madonna ta' Lourdes fis-Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù fil-Parroċċa tal-Fontana, jinsab fl-aħħar fażi tiegħu. Għal dawn l-aħħar xhur, l-artist, disinjatur u dekoratur Joseph Sagona (t.1942) kien impenjat b'din l-opra komplessa, li tkompli fuq dak li kien sar fil-kappella ta' San Pawl. Dik id-dekorazzjoni kienet tlestiet fis-sena 2000, u issa kien imiss dik ta' pariġġa. Din l-opra tkompli tissiġilla r-rabta twila ta' Sagona ma' dan is-Santwarju, li taf il-bidu tagħha sa mis-sittinijiet, meta l-artist kien għadu żagħżugħ sew.

**Il-kuntest ta' l-istorja tad-dekorazzjoni ekkleżjastika fil-Gżejjer Maltin**

L-istorja ta' l-arti sagra fil-Gżejjer Maltin ma tikkonsistix biss fil-pittura, fl-iskultura u fl-arkitettura. Biex wieħed ikollu stampa kompleta ta' dan il-kwadru ferm rikk u nteressanti, irid iżid ingredjent indispensabbli ieħor: l-arti dekorattiva. F'Malta, id-dekorazzjoni jew t-tisbiħ b'elementi ornamentali, taf l-għeruq tagħha minn meta reġa' beda jixxettel it-twemmin Nisrani fis-seklu tlettax[1]. Il-knejjes żgħar tal-kampanja kienu limitati fid-dekorazzjoni tagħhom, għajr għal xi ornamentazzjoni sempliċi fl-arkati u mal-bieb. Numru ta' oġġetti liturġiċi u għamara li għadhom jeżistu sal-lum jindikaw li l-knejjes diġa' kellhom element tajjeb ta' dekorazzjoni fis-sekli erbatax u ħmistax[2]. Bil-miġja tal-Kavallieri f'Malta, id-dekorazzjoni fil-knejjes ġiet intensifikata. Ħafna dekorazzjoni bdiet issir fil-ġebla Maltija, l-aktar f'għamla ta' prospettivi rikki madwar l-artali. Fis-seklu tmintax disinjaturi mportanti kienu jinkludu lill-pittur Francesco Zahra (1710-1773) u lil ħuħ Felice.

Id-dekorazzjoni fil-knejjes, l-aktar dik fis-soqfa, ħadet spinta kbira 'l quddiem fl-aħħar snin tas-seklu dsatax u kompliet b'rittmu mgħaġġel fis-seklu għoxrin, meta ħafna knejjes Maltin bidlu sew il-bixra tagħhom. L-artist li għen tremendement biex id-dekorazzjoni u l-ornat bil-ġibs, jew stucco, tixxettel f'Malta kien il-Kalabriż Vincenzo Cardona li ġie Malta lejn l-aħħar tas-seklu dsatax[3]. Fis-seklu għoxrin, fost l-aħjar disinjaturi u dekoraturi li ħadmu f'Malta u Għawdex, wieħed ma jistax iħalli barra lil Francesco Saverio Sciortino (1875-1958), Abram Gatt (1863-1944), Emanuele Buhagiar (1876-1962), Ignazio Cefai (1894-1980), Paolo Galea (1883-1940) u ibnu Giuseppe Galea (1911-93). Joseph Sagona, l-alljiev ewlieni ta' Giuseppe Galea, ikompli din it-tradizzjoni twila.

**Id-dekorazzjoni tal-Kappelli ta' San Pawl u tal-Madonna ta' Lourdes**

Id-dekorazzjoni ornamentali u pittorika fil-kappelli ta' San Pawl u tal-Madonna ta' Lourdes, kienet fost il-proġetti artistiċi l-aktar importanti li l-Parroċċa tal-Fontana ndaħlet għalihom f'dawn l-aħħar snin. Bħala l-artist li kien diġa' ħadem ħafna fil-knisja tal-Fontana, Joseph Sagona kien ġie avviċinat mill-Kappillan il-Kan. Dun Ġorġ Bezzina lejn nofs is-snin disgħin biex iħejji d-disinni neċessarji biex jingħata bidu għall-proġett ta' dekorazzjoni.

Il-proġett ta' Sagona kien jinkludi l-invenzjoni sħiħa ta' programm dekorattiv u ornamentali fil-lanterna u fil-koppletta, fil-friż u fil-lunetti, kif ukoll fil-ħnejjiet li jġorru l-erba' naħat tal-koppletta. Id-dekorazzjoni kienet tinkludi wkoll interventi mad-dawra tal-pittura ta' fuq l-artali, kif ukoll l-arzella u t-tieqa ta' fuq il-bibien tal-ġnub. Sagona ried ukoll iħalli wisa' għall-intervent tal-pittura li kellu jsir mill-pittur Pawlu Camilleri Cauchi. L-istess skema u dekorazzjoni tal-kappella ta' San Pawl ġiet repetuta f'dik tal-Madonna ta' Lourdes.

Sagona għażel format ta' tmien kustilji gruppjati tnejn tnejn bejn erba' gwarniċi għall-pittura, biex b'hekk ikun hemm armonija sħiħa bejn id-dekorazzjoni u l-pittura. Pedestallati żgħar mżejna b'mazzettuni ta' fjuri jservu bħala bażi għall-kustilji li jinkludu rjus ta' puttini bil-ġwienaħ mdawra b'sensiela ta' weraq u fjuri li jitwasslu sa taħt il-kuruna tal-lanterna. Il-gwarniċi tal-pittura huma

*Mark Sagona hu artist u studjuż ta' l-arti. Huwa ggradwa B.A.(Hons.) u M.A. mill-Università ta' Malta. Bħala artist tella'diversi wirjiet personali ta' pittura, fosthom fiċ-Ċentru tal-Kreattività fil-Kavallier ta' San Ġakbu, il-Belt Valletta (Ott-Nov 2004). Jgħallem l-Arti u huwa lettur fil-Programm ta' l-Istorja ta' l-Arti, fil-Fakultà ta' l-Arti, fl-Università ta' Malta.

1 Għal aktar informazzjoni fuq xi aspetti tad-dekorazzjoni ekkleżjastika f'Malta, ara Mark Sagona, The Designs of Abram Gatt, Francesco Saverio Sciortino, Emanuele Buhagiar and Giuseppe Galea for the churches of Gozo, teżi tal-B.A.(Hons.) mhux pubblikata, Università ta' Malta 1999; kif ukoll Mark Sagona, Emanuele Buhagiar (1876-1962): His Contribution to the Ecclesiastical Decorative Arts of the Maltese Islands, teżi tal-M.A. mhux pubblikata, Università ta' Malta 2003.

1 Bħal per eżempju l-panewijiet l-antiki tal-Katidral ta' l-Imdina (Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina) u ż-żiborju medjevali tar-ram indurat misjub fil-parroċċa ta' San Ġorġ fir-Rabat, Għawdex fl-1816 (illum fil-kollezzjoni tal-Katidral ta' Għawdex).

1 L-istil ta' Cardona huwa wieħed rikk ħafna, mibni fuq disinn sod u b'sensittività dekorattiva u ornamentali konsiderevoli. Fost ix-xogħolijiet l-aktar importanti tiegħu, hemm id-dekorazzjoni tal-koppla tal-knisja ta' Porto Salvo, il-Belt Valletta.

sempliċi, b'ornat sod u prominenti fil-parti ta' fuq u kartellun fil-parti t'isfel tal-kwadru. Il-ħnejjiet huma wkoll imżejna b'dekorazzjoni ta' weraq u ward li joħorġu minn rużun fil-parti tan-nofs. Iż-żona tat-tieqa ta' fuq il-bieb tal-ġenb ġiet dekorata b'mazzettuni ta' fjuri marbutin fuq l-arkata, filwaqt li żewġ ornati sbieħ jarrikkixxu l-ġnubijiet tat-tieqa. L-aħħar parti tad-dekorazzjoni imliet l-ispazji ta' madwar il-pittura ta' l-artal (xogħol Lazzaro Pisani), b'sensiela ta' ornati u rużuni u simboli relatati mad-dedikazzjoni tal-kappella. L-istil tad-dekorazzjoni huwa tipiku ta' Joseph Sagona. Huwa stil sempliċi u meqjus, nadif u pur, li għalkemm ikompli fuq it-tradizzjoni Barokka, iserraħ u jpaxxi l-għajn, mingħajr esaġerazzjonijiet u movimenti żejda.

Il-kumplessità tal-proġett tista' tiġi nnutata anki minn sempliċi deskrizzjoni. Wara li ntrema' l-armar u ttieħdu l-qisien neċessarji, l-ewwel fażi kienet tinkludi t-tiswir tat-taqsim tad-dekorazzjoni u d-disinni fiċ-ċokon tal-komponenti kollha. Wara li dawn ġew prodotti in grande, beda l-proċess twil tal-mudelli fit-tafal, il-proċess tal-forom u l-mili tal-biċċiet kollha tal-ġibs. Dan il-proċess ħa ħafna xhur biex jitlesta, peress li ħafna mill-mudelli kellhom isiru fit-tond, skond il-kurvaturi tal-koppletta, tal-ħnejjiet, eċċ. Meta din il-fażi kienet lesta, seta' jibda t-tieni proċess tat-tqegħid fil-post, l-istukkjar, l-irfinar, iż-żebgħa, l-isfumar ta' l-ornamenti u l-induratura b'deheb ta' 22 karat. L-iskala ta' kuluri ġiet imħallta b'attenzjoni kbira lejn il-kumpless totali tal-knisja. L-artist xtaq li jagħti element individwali lill-ispazju tal-kappella, imma fl-istess ħin iżomm quddiem għajnejh ir-relazzjoni mal-kumplament tal-knisja.

### Xogħol ieħor ta' Joseph Sagona fil-Parroċċa tal-Fontana

Il-karriera artistika ta' Joseph Sagona għandha konnessjoni mportanti mal-Parroċċa tal-Fontana. Din il-konnessjoni bdiet fi żmien il-Kappillan Dun Ġwann Cini. L-ewwel opra li Sagona ħadem għal din il-knisja kienu l-erba' statwi tal-bronż li jirrappreżentaw lil Sant'Andrija, Santa Liena, San Lonġinu u l-Veronika għall-artal mejda. Dawn l-istatwi, mnebbħa mill-istatwi li jinsabu fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan, huma fost l-ewwel xogħolijiet fil-karriera ta' Sagona. Dak iż-żmien kien għad kellu biss ftit fuq l-għoxrin sena.

Fis-sagristija tal-Parroċċa hemm diversi portraits li ħarġu mill-pinzell ta' Sagona u li jingħaddu fost l-aħjar xogħolijiet bikrija tiegħu. Dawn jinkludu l-portraits pjuttost kbar tal-Kardinal Ermenegildo Florit u tal-Kardinal Pietro La Fontaine, kif ukoll portraits iżgħar ta' l-Isqof Nikol Cauchi u l-Kappillan Dun Salv Scicluna.

Fl-1976, Sagona kien ġie kkommissjonat biex imexxi d-dekorazzjoni, ż-żebgħa u l-induratura tal-Koppla, tal-Kor, tal-Korsija u tas-Salib. Id-dekorazzjoni fil-ġebel ta' Liberato Borg li kienet diġa' eżistenti kienet ġiet eżaltata b'żebgha u nduratura ġdida, filwaqt li gie miżjud programm dekorattiv ġdid fejn kien jonqos, bħal pereżempju, gwarniċi ġodda għall-pittura ta' Robert Caruana Dingli (1882-1940) fil-koppla u fil-kor, il-gwarniċi ornamentali għall-pittura fil-korsija, id-dekorazzjoni madwar il-mitri ta' fuq it-twieqi b'mazzettuni u bukketti ta' fjuri marbutin, fil-lunetti u f'postijiet oħrajn. Bit-tkomplija ta' l-aħħar koppletti, wieħed jista' jgħid li l-iskema kromatikament armonjuża tas-saqaf tal-Knisja hija nterament ta' Joseph Sagona. Id-dekorazzjoni tal-qiegħ tal-gallerija ta' l-orgni, kif ukoll l-ornamenti mpittra li jżejnu l-orgni nnifsu huma wkoll frott l-espressjoni artistika ta' Sagona.

Sagona rabat ismu wkoll ma' l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù, bid-dekorazzjoni u l-ornamentazzjoni tal-bradella u l-bankun ta' l-istess statwa. Din id-dekorazzjoni dettaljata ħafna, apparti l-elementi ornamentali bħal mazzettuni, kapitelli, kartelluni, eċċ, tinkludi basso riljevi tat-tnax l-Appostlu, tlieta fuq kull faċċata. F'dan l-istess qasam ta' għamara ekkleżjastika, Sagona kien ħejja wkoll id-disinni għaż-żewġ bankuni tas-salib u lanterni li jintramaw fil-knisja fi żmien il-festa. Ir-rakkmu fuq bellus aħmar għall-ventartali ta' l-artal ta' Sant'Andrija u dak ta' San Ġużepp ġie wkoll esegwit fuq id-disinni rikki ta' Sagona.

### Konklużjoni

L-arti dekorattiva dejjem kellha rwol importanti fl-istorja twila u rikka tal-knejjes Maltin. L-ebda diskussjoni ta' l-arti fil-knejjes Maltin ma tista' tkun kompleta jekk tħalli barra r-rwol ta' l-ornat fid-diversi suriet tiegħu: ġebel, irħam, bronż, fidda, injam, ġibs jew xi kompożizzjoni simili (stucco), rakkmu. Flimkien mal-pittura, l-iskultura u l-arkitettura, il-lingwaġġ tad-dekorazzjoni, meta mħaddem b'mod tajjeb u meqjus, u f'idejn esperti li jirrispettaw bis-sħiħ il-kuntest artistiku u arkitettoniku, isir artistikament sublimi u dinjituż daqs il-fergħat l-oħrajn ta' l-arti.

© Mark Sagona 2005

***Ringrazzjamenti:***

L-Awtur jixtieq jirringrazzja lill-W.R. Kan. Dun Ġorġ Bezzina, Kappillan tal-Parroċċa tal-Fontana, għall-kollaborazzjoni tiegħu, kif ukoll lill-artist innifsu, s-Sur Joseph Sagona għall-informazzjoni dwar ix-xogħolijiet tiegħu fil-Fontana.